

# EXPERIENCE PORTUGAL

**INŻURU: LISBON, SENTRA, CAPO ROCA, CASCAIS, ESTORIL, NAZARE, BATALHA, FATIMA, COIMBRA, PORTO, DAURO VALLEY, BROGA, GUIMARES, AMARANTE, FIFUEIRA DE FOZ, BUCACO FOREST, ARRABIDA PARK, PALMALA.**

### PREZZ KULL PERSUNA
**(Eskursjonijiet, HALF BOARD u Taxxi mħallsa)**

| | NORMALI | SKONTAT |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1,540 | €1,490 |
| Kamra żewġ persuni | €1,550 | €1,500 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,945 | €1,895 |
| Tfal sa 11–il sena f'kamra ma żewġ adulti | €1,130 | €1,080 |

### PREZZ JINKLUDI
- Titjira Malta – Lisbona – Malta mal-Air Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi, boats u cable cars mhux inklużi)
- 11 il-lejl f'lukandi 4 stars ġewwa Lisbona, Fatima, Porto u Figueira Da Foz
- Kmamar kollha b'faċilitajiet privati
- Continental Buffet Breakfast kuljum
- Ċena skond il-program
- Taxxi, Service Charge u City Tax
- Tour Leader



**IL-ĦADD 26 T'AWWISSU** Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl-10.15 għall-flight KM594 li ttir fil-12.15 u naslu Lisbona fis-14.20. Transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru tal-belt fejn nibqgħu sejrin lejn il-**Hotel Holiday Inn Continental** ġewwa **Lisbona**. Sistemazzjoni tal-kmamar u ħarġa mal-leader biex ingawdu din il-belt sabiħa. Ċena fil-hotel.

**IT-TNEJN 27 T'AWWISSU** Wara li nieħdu l-buffet breakfast ikollna city tour bil-kowċ u gwida tal-lokal (english speaking) fejn ser ikollna l-opportunita li naraw postijiet ta' nteress bħal **Jeronimas Monastery, Lisbon Cathedral, Rossio Square, Belem Tower, Commerce Square, Tagus River, Vasco da Gama, bridge, Gare do Oriente, Royal coach Museum.** Inżuru l-kwartieri l-antiki kif ukoll id-distrett **t'Alfama.** Wara ħin liberu. Ċena fil-hotel u ħarġa mal-leader.

**IT-TLIETA 28 T'AWWISSU** Skopri magħna l-ġmiel ta' **Sintra, Cascais u Estoril** – eskurssjoni ta' ġurnata mill-aktar informattiva dwar l-istorja u l-kultura lokali. L-ewwel waqfa tagħna ġewwa **Sintra**, nagħmlu dawra mat-toroq tant pittoreski u naraw veduti mill-isbaħ, issa jmiss li nżuru **Pena Palace** fejn nisimgħu fuq l-istorja rjali. Wara jkollna ħin liberu għal ikel (extra). Nivvjaġġaw matul il-kosta fejn naraw il-Western point tal-Europa (Cabo De Roca). Issa jmiss li nżuru

**Cascais** fejn ikollna l-opportunita' li naraw il-bajja ta' Cascais l-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa **Estoril**, nirritornaw lura Lisbona għaċ-ċena.

**L-ERBGĦA 29 T'AWWISSU** Wara li nieħdu breakfast eskursjoni mill-aktar interresanti għal **Alcobaca u Batalha**. L-ewwel nżuru **Alcobaca** fejn nagħmlu dawra mal-belt u nżuru l-monasteru (ent extra). Nkomplu lejn **Batalha**, nieqfu għal sightseeing u nżuru l-**Monasteru ta' St Mary of the Victory**, li hu wieħed mill-bini l-aktar sinifikattiv ta' gotiku **Portugiz u Manueline Style**. F'dan il-famuż monasteru taraw xogħol ta' Stained Glass. Naraw ukoll il-qabar magnifiku ta' King John1 u Filippu De Lancastre, kif ukoll oqbra oħra tar-Royal House. Nirritornaw lura l-hotel. Filgħaxija (optional) dinner u El Fado Show.

**IL-ĦAMIS 30 T'AWWISSU** Wara li nieħdu buffet breakfast ikollna ħin għal quddies. Kif ukoll nibdew inżuru postijiet ta' devozzjoni bħal **Perpetual Adoration Chapel, Chapel of Apparitions, kif ukoll il-bażilika**. Wara nofsinnhar inżuru **Valinhos** (mini train extra), fejn naraw l-istazzjonijiet tal- Via Crucis. Inżuru wkoll **Ajustrel** biex naraw id-djar fejn kienu jgħixu t-tlett ragħja Lucia, Jacinta u Francesco. Nirritornaw lura l-hotel għaċ-ċena.

**IL-ĠIMGĦA 31 T'AWWISSU** Buffet breakfast. Wara jkollna ħin għall-aħħar devozzjoni. Wara nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Porto**, iżda qabel ser nieqfu fil-belt ta' **Coimbra**. Nagħmlu dawra ma din il-belt artistika fejn fost oħrajn naraw l-ewwel **Universita' li saret ġewwa l-Portugal, il-Knisja ta' Santa Cruz, National Pantheon, Old Cathedral u largo de Almedina.** Wara nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Porto**. Akkomodazzjoni Hotel **Villa Gale 4 star.** Ċena fil-hotel u ħarġa mal-leader.



**IS-SIBT 1 TA' SETTEMBRU** Illum għadna city tour madwar il-belt ta' Porto, belt mill-akbar u mportanti għall-kummerċ fil-Portugal. Mal-wasla tagħna jkollna city tour fejn gwida ta' lokal turina l-aktar postijiet ta' nteress bħal famuż **Katidral ta' Porto**, imżejjen b'arkitettura Romaneska, **Clerigos** mibni fuq stil Barokk, madwar il-belt nammiraw għadd ta' bini fuq stil gottiku u neo-klassiku. Minn **Foz** naraw veduta sabiħa tal-kosta. Inżuru wkoll **Port Wine Cellars**. Finalment nżuru il-Unesco World Heritage Site ta' **Ribeira Square**. Wara jkollna ħin liberu għall-ikel (extra) u xiri ta' suvenirs. Nirritornaw lura l-lukanda għaċ-ċena.

**IL-ĦADD 2 TA' SETTEMBRU** Skopri magħna l-ġmiel ta' **Dauro Valley** u l-kampanja Portugiża f'din il-ġurnata ta' rilassament. Naraw **vilaġġi żgħar u ħelwin, inżuru wine estates fejn ikollna wine tasting (extra)**. Ikollna cruise madwar **ix-xmara Douro** biex inkomplu nitpaxxew bil-ġmiel tan-natura. Waqt il-cruise niġu servuti **lunch**. Wara nibdew il-vjaġġ lura lejn Porto. Wara ċena mmorru għal drink.

**IT-TNEJN 3 TA' SETTEMBRU** Excursion mill-iżjed interessanti għal **Braga u Guimares.** Nibdew il-vjaġġ tagħna lejn il-belt ta' **Guimares World Heritage** listed town. Inżuru ċentru storiku, naraw għadd ta' monumenti. Inżuru wkoll **Braganza Palace** jkollna ħin liberu biex nesploraw il-belt. Issa jmiss li nżuru l-belt ta' **Braga,** belt misjuba mir-Rumani. Braga hi magħrufa bħala 'City of the Archbishops'. Minħabba l-għadd ta' monumenti reliġjużi. Naraw Church of Our Lady of Someiro, inżuru ċentru storiku fejn nammiraw funtani barokki, fdalijiet, bini u monumenti li jfakkruna f' Sidna Ġesu' Kristu. Wara nibdew il-vjaġġ lura lejn Porto għaċ-ċena.

**IT-TLIETA 4 TA' SETTEMBRU** Wasal il-ħin li nħallu l-belt ta' **Porto** u nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Figueira Da Foz**. Iżda l-ewwel nagħmlu waqfa ġewwa **Aveira** magħrufa bħala 'Venice of Portugal' Mal-wasla tagħna flimkien ma tour leader nagħmlu dawra flimkien fejn fost oħrajn naraw iċ-ċentru storiku u l-fish market. Naraw panorama mill-isbaħ fejn naraw il-bejtiet taċ-ċikonji u l-**Aveiro Salinas** li huma riserva tal-melħ issa għal mira irid nistgħu morru cruise (extra) f'dgħajjes tradizzjoanli li jissejħu 'Moliceiro' li huma dekorati b' motifs relatati mal-kultura lokali. Wara nesploraw **Costa Nova** fejn nammiraw ftit mill-eqdem djar ikkuluriti li x' ħin tarahom iffakruk fil-baħar. Wara ħin liberu inkomplu l-vjaġġ tagħna. Mal-wasla tagħna ġewwa **Figueira Da Foz** nibqgħu sejrin lejn il-**Hotel Mercure**. Wara ċena ħarġa mal-leader.

**12** T'IJIEM | € MINN **1,490** KULL PERSUNA

**MIT- 26 T'AWWISSU – 6 TA' SETTEMBRU**



**L-ERBGĦA 5 TA' SETTEMBRU** Wara li nieħdu buffet breakfast, ħarġa mal-leader biex ingawdu dan il-post hekk sabiħ. Wara nofsinnhar excursion għal Bucaco Forest għal esperjenza unika. Nirritornaw lura l-hotel. Wara ċena mmorru għal drink.

**IL-ĦAMIS 6 TA' SETTEMBRU** Wara li nieħdu l-breakfast ikollna ftit ħin liberu, għal ħabta tal-10.00 nitilqgħu bil-kowc lejn **Arrabida Park** li jinsab mal-baħar u joffri veduti mill-aktar spettakolari tal-kosta fl-area ta' Lisbona. Nieqfu għal sightseeing, wara nżuru **Palmala,** fejn ser ikollna l-opportunita li nduru dan il-post. Wara nkomplu sejrin lejn **Parque Das Nazoes** li hi area kbira li ġiet żvilluppata u tinsab ma **Tagus River**. Hawn insibu bini fuq stil kontemporanju bħal **Camoes Theatre u Oceanarium** fil-viċinanzi nsibu l-Waterfront b'għadd ta' restaurants, ikollna ħin liberu għal ikel (extra) u Centro Vasco Da Gama. Issa morru lejn l-ajruport ta' Lisbona għall flight KM595 li ttir fl-21.45 u naslu lura Malta fis-1.45 (sbiħ il-Ġimgħa).